MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1202/2003

**Maruti Motors Ltd**

**Vs**

**Charles u Rose konjugi Pace**

**Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u wiehed u Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm801.81), import ta' disa' (9) kambjali li mmaturaw u baqghu ma thallsux.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta attrici li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm626.81).

Semgha x-xhieda ta' l-avukat Dr. Louis Bianchi in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm626.81), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------